MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 107/2007

Carmel sive Charlie Saliba u Anthony Saliba

vs

Benigno sive Benny Saliba u b'digriet tal-31 t'Ottubru 2007 l-ismijiet Joseph Bajada u Paul Bajada gew korretti u sostitwiti bl-ismijiet Joseph Saliba u Paul Saliba; u Maria mart Joseph Bajada; u b'digriet tal-15 t'Ottubru 2007 Maria Bajada giet nominata kuratrici sabiex tirraprezenta lill-imsiefra Jane mart Emanuel Tabone

***Prestanome – Mandat - Ftehim biex persuna tidher bhala prestanome f'xiri ta' immobbli, m'huwiex lecitu jekk isir biex tevadi projbizzjoni ta' ligi. F'dan il-kaz il-projbizzjoni kienet li persuna residenti fl-esteru ma setatx tixtri proprjeta' f'Malta* (Kap. 246).**

F'din il-kawza qieghed jintalab il-qasma tal-wirt ta' Anthony u Maria Paola konjugi Saliba, li mietu fil-25 ta'

Mejju 1991 u 10 ta' Jannar 2005 rispettivament. Huma kellhom sebat itfal, cjoe' l-partijiet f'din il-kawza. F'dan l-istadju l-qorti ser taghti decizjoni dwar l-ewwel tlett talbiet tal-atturi, li jirreferu ghall-fond fi Triq San Pubbliku, Xewkija, Ghawdex li kellu n-numru 5. L-attur Carmel Saliba qieghed jippretendi li meta dan il-fond kien inxtara f'bejgh bl-irkant minn missieru, kien xtrah bhala prestanome tieghu. Ghalhekk qieghed jitlob lill-qorti sabiex:

1. Tiddikjara li meta Anthony Saliba xtara l-fond fi Triq San Publiju, Xewkija, Ghawdex kien qieghed jidher bhala prestanome tal-attur Carmel Saliba.
2. Tikkundanna lill-konvenuti jersqu ghat-trasferiment gratuwitu tas-sehem illi kull wiehed u wahda minnhom wiret minghand il-genituri mill-fond in kwistjoni.
3. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' trasferiment f'gurnata, hin u lok li jigu ffissati ghal dan l-iskop mill-qorti, u kuratur sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci.

Ghal dawn it-talbiet il-konvenuti eccepew erbgha (4) eccezzjonijiet li huma rilevanti ghal dawn l-ewwel tlett (3) talbiet[1]:-

1. It-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan gha-segwenti ragunijiet.
2. In linja preliminari qed tigi eccepita n-nullita' tar-rikors guramentat peress li qed isiru zewg azzjonijiet f'wahda li mhumiex kompatibbli ma xulxin stante li l-ewwel tlett talbiet jirrigwardjaw dikkjarazzjoni ta' titolu favur l-attur Carmel Saliba wahda ta' immobbli partikolari filwaqt li t-talbiet l-ohra jirrigwardjaw divizzjoni ta' l-assi ereditarji tal-genituri tal-partijiet liema talba qed issir miz-zewg atturi f'daqqa. Illi allura se mai dawn kellhom ikunu mertu ta' zewg kawzi separate u distinti minn xulxin.
3. Minghajr pregudizzju ghas-suepost l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbet huma nulli stante qed jigu kontestati bil-qawwa kollha stante li l-attur Carmel Saliba ghandu

[1] Fol. 56.

jipprova dak li qed jigi allegat minnu iktar u iktar in vista tal-fatt li l-esponenti ghandhom sehem minn dan il-fond akkwistat minnhom in parti b'wirt minghand missierhom Anthony Saliba u in parti permezz ta' donazzjoni rrevokabbli minghand ommhom Paola Saliba kif ser jigi pruvat matul t-trattazzjoni tal-kawza u kif inghad iktar il-fuq tali azzjoni kellha tkun separate u distinta mid-divizjoni ta' l-assi ereditarji.

4. A rigward dokument ''O'' esebit mar-rikors guramentat, l-eccipjenti Joseph Saliba u Jane Tabone qed jikkontestaw bil-qawwa kollha l-validita' u l-genwinita ta' dan id-dokument u kontestwalment jikkonfermaw bil-gurament taghhom li huma qatt ma wieghdu jew iffirmaw xi weghda jew b'xi mod irriknoxxew li Carmel Saliba ghandu xi drittijiet iktar minn hutu fuq il-fond de quo u minn issa qed jirriservaw minn issa kull dritt u azzjoni kompetanti lilhom skond il-ligi a rigward ta' din l-imsemmija skrittura.

Il-qorti, semghet il-provi u rat l-atti kollha nkluz noti ta' sottomissjonijiet li gew prezentatti mill-partijiet.

Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, il-qorti ma taqbilx li r-rikors guramentat hu null. Hu minnu li l-ghan principali tal-kawza hu l-qsim tal-wirt tal-genituri tal-kontendenti u immissjoni fil-pussess tal-legati. Madankollu l-atturi qeghdin jitolbu wkoll dikjarazzjoni li l-fond fi Triq il-Knisja, Xewkija kien inxtara mill-konjugi Saliba bhala *prestanome* tal-attur Carmel Saliba. L-ghan tat-talbiet relatati mal-fond fi Triq il-Knisja, Xewkija hu sabiex il-fond ma jigix inkluz fid-divizjoni li trid issir bejn il-kontendenti. Il-qorti tqies li bil-fatt li fir-rikors guramentat l-atturi nkludew l-ewwel tlett talbiet, ma ghamlu xejn hazin. L-alternattiva kienet li jaghmlu (kontestwalment jew qabel il-kawza ta' divizjoni) kawza ohra li tittratta biss il-fond in kwistjoni. Kawza li kienet tfisser iktar spejjez bla bzonn. Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

Ghal dik li hi t-tielet eccezzjoni, hu evidenti li fil-meritu l-konvenuti qeghdin jikkontestaw l-ewwel tlett talbiet. Pero' jekk jirnexxu fid-difiza taghhom ma jfissirx li t-talbiet tal-atturi huma nulli (kif qalu l-konvenuti fir-risposta

guramentata a fol. 56), izda li ma jkunx irnexxielhom jaghtu prova li l-genituri tal-kontendenti akkwistaw il-proprjeta bhala *prestanome* ta' binhom Carmel Saliba.

Mill-atti jirrizulta li l-fond inxtara minn Anthony Saliba (missier il-kontendenti) ghall-prezz ta' Lm653, f'bejgh bl-irkant li sar fis-16 ta' Jannar 1975 (fol. 114) taht l-awtorita' tal-qorti. Anthony u Carmel konjugi Saliba kienu jghixu fil-fond 42, Triq San Zakkarija, Xewkija, Ghawdex. L-attur ippremetta li *"....... fiz-zmien illi inxtara dan il-fond, l-esponenti kien jghix fl-esteru u ma kienx possibbli ghalih illi jakkwista proprjeta immobiljari f'Malta hlief taht kondizzjonijiet illi kienu impossibbli ghalih illi jissodisfa. Kwindi il-genituri tal-esponenti kienu accettaw illi il-fond jinxtara f'isimhom bl-intiza illi huma jittrasferixxu dan il-fond lill-esponenti jekk u meta dan ikun possibbli."* (fol. 2).

Fil-kawza **Maria Calleja *nomine* –vs- Paolo Deguara** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru 1930 (**Vol. XXVII.i.620**), gie osservat: "*nulla osta in legge a che, senza impugnare un contratto, si dimostri con prove che uno dei contraenti compariva e stipulava per conto e interesse di altre persone non figurante nell' atto ma avente diritto di avocare a se` quello che vi si e` contrattato nel proprio interesse*.". Fir-rigward tal-kuncett ta' *prestanome* dan gie spjegat b'mod konciz u car mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Professur Anthony Mamo nomine vs Charles Sant Fournier** tat-2 ta' Mejju 1957:- "*Illi l-mandatarju prestanom huwa dak illi apparentement jeżercita drittijiet ta' proprjetarju mentri fir-realta' mhux hlief il-mandatarju. Meta hu, f'din il-kwalita' ta' mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjeta' tal-haga kwalita' ta' mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjeta' tal-haga immobbli, ikun hemm att pubbliku li bih tigi trasferita l-proprjeta' tal-haga u konvenzjoni sigrieta fis-sens li huwa, pretiż akkwirenti mhux hlief mandatarju. Għar-rispett ta' terzi jibqa' l-principju illi rispett għal dawn, il-konvenzjonijiet segreti li jidderogaw għall-konvenzjoni palesi, ma jipproducu ebda effett.* ***Imma bejn il-mandant u l-prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi ghall-konvenzjoni apparenti u d-drittijiet u l-obbligi tal-mandatarju prestanom jigu retti mil-ligi tal-***

***mandat u l-hwejjeg minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant.”*****.** Tezisti sensiela shiha ta’ gurisprudenza li ttrattat dan il-kuncett[2].

L-oneru tal-prova hu fuq l-atturi. Mid-denunzja ta’ Anthony Saliba, li giet prezentata mill-konvenuta Maria Bajada fit-12 ta’ Awwissu 1991 (fol. 33), jirrizulta li nofs dan il-fond gie dikjarat bhala parti mill-assi ereditarji ta’ Anthony Saliba.

Il-qorti tistqarr li wara li kellha l-opportunita’ li tisma’ lill-partijiet jixhdu *viva voce* m’hijiex konvinta li fuq bazi ta’ probabilita’ kien sehh il-ftehim allegat mill-atturi. F’dan il-kuntest il-qorti tqies rilevanti:-

i. F’testment *unica charta* li sar mill-konjugi Saliba fl-24 ta’ Novembru 1986 fl-atti tan-nutar Dr Michael Refalo (fol. 22), it-testaturi hallew bi prelegat lill-attur porzjon raba’ msejha “Ta’ Mgarr ix-Xini”, limiti Xewkija, Ghawdex li kienet inxtrat bi flus li baghatilhom l-istess attur. M’hemmx disposizzjoni simili fir-rigward tal-fond in kontestazzjoni. L-attur stess fix-xhieda tieghu jaghti x’jifhem li ma kellux ghalfejn jahseb hazin f’dak li ghamel missieru.

ii. Irrizulta li l-fond in kwistjoni kien jifforma parti mill-wirt tal-axxendenti ta’ Anthony Saliba, missier il-kontendenti, u xtaq li jibqa’ fil-familja.

iii. L-attur xehed li kien mar, flimkien ma’ missieru, ghand in-nutar Joseph Cefai sabiex il-proprjeta tinqaleb f’ismu (fol. 148); *“Ghand in-nutar iffirmajt xi haga. Tant ghadda zmien illi ma nafx ezatt x’iffirmajna. Lanqas kopja tal-karti li ffirmajna ghand in-Nutar ma ghandi. Konna hallasna xi haga lin-Nutar. Jiena kont hallast.”*. Kompla jghid li dan kien **xi 10 snin wara li nxtara l-fond** in kwistjoni u li f’dak l-istadju kien *“....minghalija li l-proprjeta’ tghajjat f’ismi ghaliex ahna morna ghand Cefai u jien fhimt illi sar kuntratt ta’ trasferiment.”*. Pero ma

[2] Ara *Maltese Cases & Materials on Trusts and Related Topics*, Volum 1 (2004) u 2 (2009) pubblikat mill-Institute of Financial Services Practitioners.

tressqet l-ebda prova dokumentarja ta' dan it-trasferiment. Prova li kellha ssir permezz tal-att pubbliku relattiv. L-attur xehed ukoll li f'dak iz-zmien *"Il-ligi kienet inbidlet u ghalhekk jiena stajt nakkwista proprjeta f'ismi."* (fol. 148). Li hu zgur hu li sa ghaxar (10) snin wara l-akkwist tal-fond, persuna mhux residenti Malta (irrispettivament hijiex cittadin Malti) ma setatx takkwista immobbli.

iv. L-attur u martu ghamlu riferenza ghall-ittra li kienu rcevew minghand il-familja sabiex jixtru l-fond in kwistjoni, u li ttrasferew flus mill-bank sabiex isir l-akkwist. Prova dokumentarja ta' dan ma saritx, minkejja li kien fl-interess tal-attur li jzomm dawn id-dokumenti bhala prova tal-allegat ftehim li kellu mal-genituri.

v. L-attur ghamel enfazi fuq l-iskrittura esebita a fol. 40 u li saret bejn l-attur u huh, il-konvenut Joseph Saliba. F'dik l-iskrittura jinghad li Joseph Saliba qieghed jobbliga ruhu li jaghti b'donazzjoni lil Carmel Saliba, sehemu tal-fond in kwistjoni[3]. Dokument identiku jinsab esebit a fol. 145 prezentat mill-attur (fol. 155[4]), u l-attur xehed li hu l-original (fol. 150). Il-konvenuti Joseph Saliba u Jane Tabone, ikkontestaw il-validita' ta' dan il-ftehim u insistew li m'huwiex genwin. Il-qorti nnominat lill-espert kalligrafu Joseph Gaffiero sabiex jiddetermina jekk il-firma tan-nofs hijiex ta' Joseph Saliba u jekk id-dokument a fol. 145 huwiex dokument originali. L-espert kalligrafu rrelata li ghalkemm il-firma hi ta' Joseph Saliba, id-dokument a fol. 145 m'huwiex originali; *"**Mill-ezami li jiena ghamilt bil-mikroskopju m'ghandi l-ebda dubju li d-dokument illi jiena ezaminajt hu fotokopja.** Kieku jiena kelli xi dubju dwar dak illi jiena rrapurtajt fin-nota li pprezentajt fis-sittax (16) ta' Marzu elfejn u disgha (2009) kont ninkludiha."* (fol. 175). Min-naha ta' Joseph Saliba insista li hu qatt ma ffirma dan il-ftehim, izda li kien iffirma ftehim li permezz tieghu kien irrinunzja ghal kirja ta' raba' li kien inghata minn ommu (fol. 138). Ghalkemm il-qorti tistqarr li ghandha dubju kemm id-dokument a fol. 145 m'huwiex l-original, min-naha l-ohra ma tistax twarrab ghal kollox l-

[3] Li ghandu wkoll dhul minn Trejqet il-Knisja, Xewkija.
[4] Seduta tat-12 ta' Settembru 2008.

opinjoni teknika tal-espert. F’dan l-istat ta’ incertezza ma tqiesx li tista’ tasal ghal konkluzjoni li hi moralment konvinta li d-dokument hu dak awtentiku. F’kull kaz id-dokument wahdu, anke jekk kien gie ffirmat minn Joseph Saliba u Jane Tabone, m’huwiex xi prova inekwivoka li twassal lill-qorti biex tikkonkludi li bejn Carmel Saliba u l-genituri tal-kontendenti kien sar ftehim li jixtru l-fond bhala *prestanome* ta’ binhom. Dan meta rrizulta li l-kwistjoni qamet ghall-ewwel darba meta l-attur kien gie ghat-tieg ta’ huh fl-2002. Qabel dak iz-zmien il-qorti temmen li l-konvenuti ma kellhomx hjiel tal-pretensjoni ta’ Carmel Saliba. Dan apparti l-konsiderazzjoni li hemm ahwa ohra li zgur li ma ffirmawx l-iskrittura (Benigno Saliba, Maria Bajada u Paul Saliba). Inoltre, il-qorti taraha stramba kif l-attur qal li:- *“Kien fit-two thousand and two (2002) illi jiena l-ewwel darba sirt naf illi l-papa fit-testment illi ghamel ma’ ommi ma kienx kiteb il-post tax-Xewkija”*, meta missieru kien ilu mejjet mill-1991.

vi. Jirrizulta li kien biss fis-sena 2002 li l-attur kien semma lill-konvenuti, l-allegat ftehim mal-genituri tieghu sabiex jixtru l-fond bhala prestanome tieghu. Dan kien fiz-zmien li kien ser jizzewweg il-konvenut Joseph Saliba, u jirrizulta li nqala’ l-inkwiet fil-familja. Fil-fatt ghalkemm l-attur kellu jkun ix-xhud ta’ huh, spicca ma marx.

vii. Ghal dawk li huma xhieda ghal fini ta’ korraborazzjoni, l-atturi resqu affidavit li ghamlet Giuseppa Tabone, oht omm il-kontendenti, li sar fis-27 ta’ Novembru 2002. Il-qorti tifhem li ma sarx kontro-ezami taghha ghaliex kienet mietet, tant li xehedet in-nutar Maria Grima biex tikkonferma li quddiemha x-xhud kienet ikkonfermat l-affidavit bil-gurament. L-atturi prezentatw biss kopja ta’ dan l-affidavit (fol. 65). Sfortunatament il-qorti ma kellix l-opportunita’ li tisma’ lil din il-persuna tixhed *viva voce*. Jirrizulta wkoll li l-affidavit kien tlesta qabel in-nutar marret fir-residenza ta’ Giuseppa Tabone sabiex tamministra l-gurament. M’hemmx dubju li l-parti dattilografata saret fuq taghrif li ta d-difensur tal-atturi. Il-qorti qeghda tasal ghal din il-konkluzjoni peress li n-nutar xehedet li meta marret bl-affidavit ghand Tabone, kienet l-ewwel darba li ltaqghet

maghha (fol. 85). L-affidavit hu xott hafna u ma jatix dettalji dwar l-okkazzjonijiet meta omm il-kontendenti kien tghid li binha, Carmelo Saliba, kien baghat il-flus biex inxtara l-fond fi Triq San Pubbliku, Xewkija u li l-fond kien proprjeta' ta' binha. Il-qorti m'hijiex moralment konvinta li ghandha tistrieh fuq dan l-affidavit biex il-mizien ixaqqleb favur il-verzjoni tal-atturi. Fir-rigward tax-xhud Pawlu Vella, dan irrakkonta dak li kien sema' minghand haddiehor. Sahansitra in kontro-ezami xehed ukoll li xi 30 sena qabel ghamel l-affidavit kien sema' li l-post hu tal-ahwa Saliba, ghalkemm ma jiftakarx minghand min (fol. 83). Il-fatti li rrakkonta dan ix-xhud m'humiex bazati fuq dak li jaf hu personalment izda fuq dak li seta' qallu haddiehor minghajr ma identifika min kien dan it-terz. Ghalhekk taht dawn ic-cirkostanzi l-verzjoni tieghu ma jista' jkollha l-ebda piz ghall-ezitu tal-kwistjoni.

Fir-rigward tat-talbiet relatati mal-fond in kwistjoni, dik principali hi l-ewwel talba: ***"Tiddikjara illi fl-okkazzjoni tal-akkwist tal-fond fi Triq San Pubbliju, Xewkija, Ghawdex Anthony Saliba, u mieghu Maria Pawla Saliba kienu qed jagixxu biss bhala prestanome tal-attur Carmel Saliba."***. L-ezitu ta' din it-talba tiddependi dwar jekk kienx hemm ftehim bejn il-genituri tal-kontendenti u Carmelo Saliba fis-sens li jixtru l-fond f'isimhom bhala *prestanome* ta' binhom. Madankollu anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss il-qorti kellha tikkonkludi li fiz-zmien tax-xiri kien hemm ftehim f'dan is-sens, skond l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjeta' Immobbli minn Persuni mhux Residenti (Kap. 246) b'sehh mit-30 ta' Meju 1974 kull individwu mhux residenti f'Malta ma setax jakkwista immobbli, sakemm ma jinghatax permess mill-Ministru tal-Finanzi. Regola ta' ordni pubbliku tant li l-provvediment relattiv (dak iz-zmien Artikolu 3) jipprovdi ghan-nullita' tat-trasferiment li jsir bi ksur ta' din id-disposizzjoni. Fiz-zmien li nxtara l-post Carmel Saliba ma kienx residenti Malta[5] u ghalhekk ma setax jixtri mmobbli.

[5] F'ittra legali mibghuta lill-konvenuti, id-difensur tal-attur spjega: *"Infatti l-akkwist kien intiz illi jsir f'ismu proprju, u l-uniku raguni il ghala dak l-akkwist ma sehhx f'ismu kienet illi f'dak iz-zmien huwa ma kienx residenti f'Malta – u ghalhekk kien prekluz milli jakkwista proprjetajiet f'Malta."* (fol. 38).

Kemm l-attur u martu jaccettaw li fiz-zmien tal-akkwist ma setghux jakkwistaw immobbli f'Malta ghaliex kienu residenti fl-Amerika. Kwalsiasi ftehim li Carmel Saliba ighid li ghamel mal-genituri tieghu, jekk verament sar, **sar biss** sabiex jevadi il-projbizzjoni tal-ligi. B'hekk l-iskop tal-ftehim kien illecitu. Ftehim simili kien ikollu l-iskop uniku li jeludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 3 (illum Artikolu 4) li jipprovdi espressament li persuni mhux residenti f'Malta ma jistghux jakkwistaw immobbli. Ghalhekk kwalsiasi allegat ftehim ta' *prestanome* kien milqut minn kawza illecita. Materja li l-qorti ghandha l-jedd li tissolleva *ex officio*. Il-konsegwenza hi li l-ftehim li seta' sar bejn il-konjugi Saliba u binhom Carmel Saliba kien null u bla effett, ghaliex maghmul kontra l-ordni pubbliku. Kif diga' gie osservat, il-finalita' tal-ftehim li l-attur ighid li kellu mal-genituri, kien unikament dak li jottjeni xi haga projbita espressament mil-ligi. Rilevanti wkoll hu l-Artikolu 1857 tal-Kodici Civili li jipprovdi:- ***"Il-mandat ghandu jkollu bhala skop tieghu haga lecita li min jaghti l-mandat seta' jaghmel huwa nnifsu."***. Rajna kif il-mandant (Carmel Saliba) ma setax personalment jixtri l-fond minhabba d-divjet impost mill-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjeta' Immobbli minn Persuni mhux Residenti. Ghalhekk anke jekk il-qorti kellha temmen il-verzjoni ta' Carmel Saliba, jibqa' l-fatt li fir-realta' l-fond inxtara mill-genituri tal-kontendenti. F'dan il-kuntest hi rilevanti s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Judith Lucchesi nomine vs Rita Sultana proprio et nomine et** deciza fit-3 ta' Dicembru 2004, li ttrattat punt identiku u qalet li kull obbligazzjoni li twieldet minn ftehim simili ghandu jitqies bhala bazat fuq kawza illecita u ma setatx tordna l-ezekuzzjoni tal-ftehim[6]. Inoltre, kwalsiasi emenda li setghet saret fil-ligi wara d-data tax-xiri u li setghet tintola lill-attur li jixtri proprjeta' f'Malta ghalkemm residenti barra minn Malta, mhi tal-ebda konsegwenza in kwantu hu

[6] Fil-kawza **Raymond Mifsud vs Emanuel Magri** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (ImhallefG. Caruana Demajo) fl-4 ta' Mejju 2001, il-qorti kkonkludiet: *"Ladarba kien hemm ksur ta' ligi ta' ordni pubbliku, il-qorti ma tistax tqis dan il-ksur bhala xi haga irrelevanti. Iz-zewg partijiet kisru l-ligi, u ghalhekk ma jistghux issa jinqdew bil-ligi biex ifittxu rimedju kontra xulxin talli, ghax kiser il-ligi, xi wiehed minnhom mar minn taht. It-tnejn kienu komplici fl-illegalita' u ghalhekk issa l-ligi ma tghinhomx: kullhadd jibqa' b'li ha; in pari turpitudinis causa melior est causa possidentis."*.

rilevanti x'kienet tghid il-ligi fiz-zmien tal-allegat ftehim bejn Carmel Saliba u l-genituri tieghu. Kieku l-qorti emmnet il-verzjoni tal-atturi, kien ikun ifisser li l-akkwist sar bhala mezz biex jeludi l-applikazzjoni ta' provvediment imperattiv, cjoe' akkwist biex iqarraq bil-ligi. Fil-Kodici Civili Taljan insibu provvediment (Artikolu 1344) fir-rigward ta' kuntratti li jsiru *"in frode alla legge"*. Ezempju tipiku huma kuntratti ta' *"....interposizioni reali, mediante le quali il soggetto elude un divieto di acquisto stipulando un mandato con un terzo, incaricato di acquistare in proprio nome e di ritrasmettere il bene al mandante."*[7].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qegha tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut bl-ispejjez kontra taghhom, u ghar-ragunijiet fuq moghtija qeghda tichad l-ewwel tlett (3) talbiet tal-atturi u tordna l-prosegwiment tal-kawza dwar il-kumplament tat-talbiet. Spejjez a karigu tal-atturi.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[7] Ibid Massimo Bianca pagna 587.